# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **30 TA' SETTEMBRU 2018**

## Tberik tal-Basktijiet tal-Iskola

Għada l-Ħadd 30 ta' Settembru 2018 ser isir it-tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-quddiesa tad-9:15am. Il-ġenituri huma mħeġġa jġibu lil uliedhom għal din il-quddiesa li fiha ser jitbierku l-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika l-ġdida.

## Għaqda Nisa Sant'Anna

It-Tnejn 1 ta' Ottubru 2018 fid-9:15am jibda l-Grupp tan-Nisa Sant'Anna fis-Sala Sant'Anna biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

## Legion of Mary

Il-membri tal-Legion of Mary ser jibdew '*home visits*' fl-inħawi tat-Triq il-Kappara, Triq Ġużeppi Lanzon, Triq Vajrità, Triq Nigel Dennis, Triq il-Baħħara, Triq il-Gandoffli, Triq l-Irmiġġ u Triq is-Sajjieda. Inħeġġukom sabiex nilqgħuhom, nitkellmu u nitolbu magħhom.

## Tberik tal-Familji

It-Tlieta 2 ta' Ottubru 2018 ser nibdew it-tberik tal-familji. Hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Ġesù.
**Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq Torri Mamo, Triq id-Daħla ta' San Tumas u Triq ir-Rumi.**

## Mother and Baby Club

L-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2018 fid-9:30am jibda l-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna.

## Mothers' Prayers

L-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2018 fl-10:00am jibdew il-laqgħat tal-Mothers' Prayers fil-Villa Apap Bologna.

## Kummissjoni Żgħażagħ

L-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2018 fit-8:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Żgħażagħ fis-Sala Sant'Anna.

## Jum Dinji tal-Anzjani

Il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018 fid-9.30am tibda quddiesa u ċelebrazzjoni fis-Santwarju u Bażilika tal-Assunta , il-Mosta, fil-Jum Dinji tal-Anzjani.

**Festa tal-Madonna tar-Rużarju**

Il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Għalhekk nhar il-Ġimgħa fil-5:30pm jkun hawn is-saċerdoti għall-Qrar, fis-6:00pm nitolbu t-talba ta' filgħaxija tal-Knisja, fis-6:30pm quddiesa u wara purċissjoni *Aux Flambeaux* bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju. Fit-8:00pm il-puċissjoni tasal fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna fejn tibda quddiesa b'suffraġju għall-benefatturi tal-Knisja Parrokkjali u tal-Villa Apap Bologna, il-Baruni u l-Barunessa Apap Bologna. Wara l-quddiesa fi spirtu ta' talb nakkumpanjaw lix-xbieha tal-Madonna lura lejn il-Knisja Parrokkjali. Inħeġġukom sabiex tattendu u flimkien nitolbu t-talba tar-Rużarju.

**Rużarju f'Ottubru**

Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jitalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

***Seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof**

Is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Ottubru 2018 fis-Sala Sant'Anna ser issir is-*seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**

Il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru 2018 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2019. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 13 ta' Ottubru 2018 fis-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù , ir-Rabat, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'**

Il-Kunsill Lokali se jorganizza kors prattiku mingħajr ħlas: 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'.
Il-kors se jibda nhar it-Tlieta, 16 t'Ottubru, mill-4.30pm sas-6.30pm fiċ-Ċentru ta' Taħriġ, 59 Triq il-Kappara. Kull min hu interessat jattendi jista' japplika billi jmur l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**Istitut Formazzjoni Pastorali**

Għal min jixtieq jiskopri aktar il-fidi nisranija, it-talb, l-ispiritwalità jew xi aspett ieħor, l-Istitut Formazzjoni Pastorali qed joffri 13-il kors differenti. Għal min hu interessat hemm l-inforazzjoni fuq in-noticeboard u fuq is-sit www.maltapfi.org

**Bidu tas-Sena Kateketika l-Ġdida.**

**Museum Subien**

Nhar il-Ħamis 27 jew nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru jibdew il-lezzjonijiet għat-tfal kollha fil-Museum tas-subien minbarra dawk li tilgħin Year 2. Dawk li se jkunu fil-Year 2 u li se jagħmlu l-ewwel Tqarbina fl-2019 jibdew bil-lezzjonijiet minn nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru jew nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru.

**Museum Bniet**

Il-Ħamis 27 ta' Settembru jibdew ukoll it-tfal kollha li jattendu fil-Museum tal-bniet minbarra dawk li tilgħin Form 1. Il-Form 1 bniet jibdew nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru jew nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru.

**Iċ-Ċentru tal-Munxar**

It-tfal li se jattendu fiċ-Ċentru tal-Munxar se jibdew minn nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru jew nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru.

**Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna**

It-tfal li se jattendu għall-Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna se jibdew minn nhar l-Erbgħa 3 ta' Ottubru fil-5.00pm.

**Uffiċċju Parrokkjali Ġdid**

Minn għada t-Tnejn 24 ta' Settembru 2018, l-Uffiċċju Parrokkjali ser jerġa' lura fi Triq San Ġorġ, mal-baħar, fejn kien fl-antik. Il-ħinijiet tal-uffiċċju baqgħu l-istess, nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn l-4.30pm u l-5.30pm.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Ottubru 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.